MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 391/2004

**Joseph Gaffarena (I.D. 251451(M)) u Carmen Gaffarena (I.D. 513353 (M)).**

**vs.**

**Mixer Concrete Works Limited (C 17858) u Mixer Limited (C 9942).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 31 ta' Mejju 2004 a fol.1 tal-process u pprezentata quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorvoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi l-attur huwa kreditur tas-socjeta` Mixer Limited fis-somma ta' mitejn u hamsin elf lira (Lm250,000) *oltre* l-imghaxijiet liema somma hija kanonizzata permezz ta'

sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fis-16 ta’ April 2004.

Illi l-istess socjeta` Mixer Limited hija kreditur tas-socjeta` Mixer Concrete Works Limited fis-somma ta’ seba’ mitt elf lira (Lm700,000) u dan kif ammess minn l-istess socjeta` f’xhieda minnha moghtija minn Mixer Concrete Works Limited f’kawza fl-ismijiet **“Joseph Gaffarena et vs Mixer Limited u Mixer Concrete Works Limited”** Citaz. Nru: 1201/99 JRM.

Illi l-esponenti jridu jipprevalixxu ruhom mill-fakulta` prevista mill-**artikolu 1143 tal-Kodici Civili** u jesegwixxu l-azzjoni li huwa ntitolat ghaliha d-debitur tieghu, Mixer Limited, biex jithallas il-kreditu taghhom kontriha, mill-kreditu li din ghandha kontra s-socjeta` konvenuta Mixer Concrete Works Limited.

Illi b’ammissjoni stess da parti tas-socjeta` Mixer Concrete Works Limited, dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma ta’ l-attur il-konvenut m’ghandux eccezzjonijiet xi jressaq kontra t-talba attrici ghall-hlas ta’ dan id-debitu.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lis-socjetajiet konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba ta’ l-istanti bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza *ai termini* ta’ l-**artikolu 167-170 tal-Kapitolu 12.**

2. Tikkundanna lil Mixer Concrete Works Limited thallas lill-atturi s-somma ta’ mitejn u hamsin elf lira (Lm250,000) *oltre* l-imghax relattiv mid-data ta’ l-4 ta’ Gunju 1991.

3. Tikkundanna lil Mixer Concrete Works Limited thallas lis-socjeta` Mixer Limited, il-bilanc li jkun ghad fadal sas-somma ta’ seba’ mitt elf lira (Lm700,000), wara li tithallas s-somma dovuta lill-atturi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi u l-lista tax-xhieda a fol. 2 u 3 tal-process;

Rat l-affidavit ta’ **Joseph Gaffarena** pprezentat mac-citazzjoni kif jidher a fol. 4 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata fit-2 ta’ Gunju 2004 biex tinstema’ quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fis-seduta tat-23 ta’ Gunju 2000 b’ordni lis-socjetajiet konvenuti biex jidhru f’dik il-gurnata u jwiegbu ghat-talbiet attrici u b’dan li l-istess socjetajiet konvenuti gew avzati li fin-nuqqas, il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi minnufih il-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici. Il-Qorti kif diversament presjeduta ordnat n-notifika ta’ l-avviz tas-smiegh tal-kawza lill-partijiet permezz tal-purtier.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-23 ta’ Gunju 2004 (fol.16) fejn deher Dr. Keith Bonnici ghall-atturi u Dr. Micheal Sciriha u Dr. Gianfranco Gauci ghas-socjetajiet konvenuti. Sussegwentement deher Sebastian Dalli, rapprezentant tas-socjetajiet konvenuti. Giet prezentata nota *da parte* tas-socjetajiet konvenuti u nghatat kopja lill-kontro-parti. Il-Qorti semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar l-ewwel talba. Il-kawza giet differita ghall-25 ta’ Gunju 2004 ghad-decizjoni dwar l-ewwel talba;

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta’ Gunju 2004 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn deher Dr. Keith Bonnici ghall-atturi. Il-Qorti hekk diversament presjeduta ddecidiet li peress li deher li *prima facie* l-konvenuti ghandhom eccezzjonijiet validi x’jissollevaw, awtorizzat lill-istess jipprezentaw nota ta’ eccezzjonijiet fi zmien ghoxrin (20) gurnata mid-data tal l-istess seduta kollox a fol. 17 tal-process. Il-kawza giet differita ghas-7 ta’ Ottubru 2004.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti datata 8 ta’ Lulju 2004 a fol 19 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament, is-sentenza msemmija (“Gaffarena Joseph et vs Mixer Ltd”, 1199/99GV, diff. 8 ta’ Ottubru 2004) li kkanonizzat il-kreditu avvanzat mill-atturi fil-konfront ta’ Mixer Limited laqghet l-appell ta’ Mixer Limited in kwantu kien jikkoncerna l-kontro-talba ta’ l-istess Mixer Limited u rrinvjat il-process lura lill-Prim’Awla tal-Qorti Civili diversament presjeduta sabiex tkompli tinstema’ tali kontro-talba; tali kontro-talba tista’ ghaldaqstant taghti lok ghal tpacija, apparti li hija bbazata wkoll fuq l-istess kont korrenti ezistenti bejn l-atturi u s-socjeta` Mixer Ltd, b’mod illi hemm lok ghall-konnessjoni tal-kawza jew ghas-sospensjoni tal-kawza prezentati sakemm tigi deciza finalment il-kawza l-ohra msemmija; u dan billi jekk issehh tpacija jigi nieqes il-kreditu principali li fuqu hija bbazata l-*actio debitor debitoris mei* odjerna;

2. Illi fit-tieni lok, hemm ukoll kawza ohra pendenti bejn Mixer Limited u l-konjugi Gaffarena (“Mixer Ltd et vs Gaffarena Joseph et”, Cit. Nru 1256/02 JA, diff. 8 ta’ Novembru 2004) ghal dikjarazzjoni ta’ frodi u falsifikazzjoni, li tista’ twassal anke ghar-rittrattazzjoni tal-kawza “Gaffarena Joseph et vs Mixer Ltd”, 1199/99 GV, diff. 8 ta’ Ottubru 2004 ghar-rigward tat-talba principali; din il-kawza wkoll taffettwa necessarjament l-ezitu ta’ din u taghti lok ghall-konnessjoni tal-kawza jew ghas-sospensjoni tal-kawza prezenti sakemm tigi deciza finalment il-kawza l-ohra msemmija – u dan billi jekk tigi ddikjarata frawdolenti l-iskrittura li fuqha kienet imsejsa s-sentenza ottenuta mill-atturi fil-konfront tas-socjeta` Mixer Ltd. ukoll jigi nieqes il-kreditu principali li fuqu hija bbazata l-*actio debitor debitoris mei* odjerna;

3. Illi fit-tielet lok, hemm ukoll kawza ohra istitwita mill-atturi stess (“Joseph Gaffarena et vs Mixer Limited u Dalli Sebastian et noe”, Cit Nru 1201/99 JRM, diff. 8 ta’ Lulju 2004); imsemmija fil-premessi attrici, fejn l-atturi qieghdin jitolbu r-rixxissjoni ta’ kuntratt ta’ trasferiment effettwat minn Mixer Limited favur Mixer Concrete Works Limited

permezz ta’ *actio pauliana*; tali talba, kieku tigi milqugha, timporta l-annullament tal-kuntratt li minnu jidderiva l-allegat kreditu ta’ Mixer Ltd. fil-konfront ta’ Mixer Concrete Works Ltd., b’mod li hemm inkonciljabbilta` totali bejn iz-zewg kawzi u bejn il-pretizi ta’ l-atturi fiz-zewg kawzi.

4. Illi preliminarjament ukoll, ic-citazzjoni attrici hija nulla billi ma giet ipprezentata l-ebda kopja tad-dokumenti u ta’ l-atti u x-xhieda msemmija fic-citazzjoni attrici, b’mod illi l-esponenti ma ghandhom l-ebda mod kif ikunu jafu ghal liema xhieda qed issir riferenza u li suppost tistabbilixxi l-ezistenza ta’ kreditu bejn Mixer Ltd. u Mixer Concrete Works Ltd;

5. Illi preliminarjament ukoll, l-atturi m’ghandhomx l-interess guridiku mehtieg sabiex jipproponu t-tielet talba attrici taghhom – il-gurisprudenza tindika li hija necessarja ghall-*actio debitor debitoris mei* dikjarazzjoni ta’ kreditu bejn id-debitur principali u d-debitur, imma dikjarazzjoni biss, billi ma hemm l-ebda interess guridiku f’kundanna ghall-hlas;

6. Illi fil-mertu u anke ghar-ragunijiet premessi, huma kkontestati u jridu jigu ppruvati sija l-kreditu vantat mill-atturi fil-konfront ta’ Mixer Ltd., u sija l-kreditu allegat mill-atturi bejn Mixer Ltd. u Mixer Concrete Works Ltd;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjetajiet konvenuti a fol. 21 u 22 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri (fol 23) fejn deher Dr. Keith Bonnici ghall-atturi u Dr. Gianfranco Gauci ghall-konvenuti. Il-kawza giet differita sabiex il-konvenuti jipprezentaw dokumenti relattivi ghall-ewwel eccezzjoni u trattazzjoni dwar l-ewwel eccezzjoni ghad-9 ta’ Novembru 2004.

Rat in-nota ta’ Mixer Concrete Works Limited *et* datata 8 ta’ Ottubru 2004 (fol 24) li permezz taghha pprezentaw

kopja nformali tas-sentenza li nghatat mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fis-16 ta’ April 2004 fil-kawza fl-ismijiet Joseph Gaffarena et vs Mixer Limited (Cit. Nru: 1199/1999), *a tenur* tal-verbal tas-7 ta’ Ottubru 2004.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tad-9 ta’ Novembru 2004 (fol 37) fejn deher Dr. Keith Bonnici ghall-attur prezenti u Dr. Gianfranco Gauci ghas-socjetajiet konvenuti. Giet trattata l-ewwel eccezzjoni. Il-kawza giet differita ghall-25 ta’ Jannar 2005 ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni;

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-25 ta’ Jannar 2005 fejn dehru l-atturi assistiti minn Dr. Keith Bonnici u l-kawza giet differita ghat-30 ta’ Marzu 2005 ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tas-socjetajiet konvenuti;

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-30 ta’ Marzu 2005 fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd u l-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tas-socjetajiet konvenuti ghas-27 ta’ Mejju 2005;

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri u l-kawza giet differita ghas-sentenza tas-27 ta’ Mejju 2005 (fol 40) fejn deher Dr.Gianfranco Gauci ghas-socjetajiet konvenuti. Inghatat sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni fejn il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri cahdet l-ewwel eccezzjoni tas-socjetajiet konvenuti u b’hekk cahdet it-talba ghas-soprassessjoni promossa mill-konvenuti, u ordnat il-prosegwiment tas-smiegh tal-kawza u dan bi spejjez rizervati ghal gudizzju finali. Dr. Gianfranco Gauci talab l-awtorizzazzjoni biex jappella mis-sentenza moghtija dak inhar stess. Il-kawza giet differita ghad-9 ta’ Gunju 2005 ghas-smiegh tal-partijiet dwar din it-talba.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tad-9 ta’ Gunju 2005 a fol. 45 tal-process fejn deher l-attur assistit minn Dr. Keith Bonnici. Ma deher hadd ghall-konvenuti. Il-Qorti, wara li rat l-**artikolu 229 tal-Kap 12**, cahdet it-talba tas-socjetajiet konvenuti biex jappellaw f’dak l-istadju. Sussegwentament deher Dr. Gianfranco Gauci ghas-socjeta` konvenuta u talab korrezzjoni mhux opposta li l-ahhar paragrafu a fol. 14 ghandu jigi enumerat bin-numru ‘4’ u l-paragrafi sussegwenti bin-numru ‘5’, ‘6’ u ‘7’ rispettivament. Il-partijiet qablu li f’dak l-istadju jigu decizi t-tielet u r-raba’ eccezzjoni. Il-konvenuti inghataw zmien sal-15 ta’ Lulju 2005 sabiex jipprezentaw id-dokumentazzjoni relattiva ghal dawn iz-zewg eccezzjonijiet bil-*visto* tal-kontro-parti. Fl-istess nota l-partijiet gew ordnati dejjem minn din il-Qorti diversament presjeduta sabiex jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom b’dan li l-kontro-parti nghataw sal-15 ta’ Settembru 2005 ghan-nota responsiva. Il-kawza giet differita ghat-28 ta’ Ottubru 2005 ghas-sentenza fuq dawn l-eccezzjonijiet;

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-28 ta’ Ottubru 2005 fejn meta issejhet il-kawza ma deher hadd. Inghatat sentenza *in parte*. Il-kawza giet posposta. Meta regghet issejhet il-kawza dehru l-partijiet li nfurmaw lill-Qorti li l-kawza ndikata fit-tielet eccezzjoni a fol.19 tal-process tinsab deciza minn din il-Qorti kif diversament presjeduta, izda sar appell minnha liema appell ghadu pendenti ghall-14 ta’ Dicembru 2005. Il-partijiet qablu li jkun opportun li din il-kawza tistenna l-ezitu ta’ l-appell in kwistjoni *stante* li tirrigwarda l-kuntratt li fuqu huwa bbazat il-kreditu pretiz mill-atturi. Il-kawza giet differita ghas-17 ta’ Jannar 2006 ghall-informazzjoni ulterjuri.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk attwalment presjeduta tas-17 ta’ Jannar 2006 a fol.51 tal-process fejn deher Dr. Gianfranco Gauci ghas-socjeta’ konvenuta. Dr. Gauci ndika lill-Qorti li kien hemm kawza pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell

indikata minnu fir-raba’ eccezzjoni. L-atturi u d-difensuri taghhom Dr. Keith Bonnici ssejhu diversi drabi baqghu ma dehrux. Dr.Gauci talab li jivverifika x’sar minnha din il-kawza. Il-kawza giet differita ghall-25 ta’ April 2006 biex Dr.Gauci jirregola ruhu u l-istess jaghmlu l-atturi; u tal-25 ta’ April 2006 fejn deher Dr. Keith Bonnici ghall-atturi. Deher ukoll Dr. Gianfranco Gauci ghall-konvenuti. Id-difensuri nfurmaw lill-Qorti li l-appell fil-kawza ndikata fir-raba’ eccezzjoni gie dikjarat dezert mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell. *In vista* ta’ dak l-izvilupp Dr.Keith Bonnici ghall-atturi, l-attur Joseph Gaffarena prezenti, ceda s-*sorte* tal-kawza izda zamm ferm il-kap ta’ l-ispejjez. Dr. Gianfranco Gauci ssuggerixxa transazzjoni fis-sens li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet. Dr. Keith Bonnici ma accettax din il-proposta. Il-Qorti tat zmien ghoxrin (20) jum lill-atturi u lill-konvenuti li jipprezentaw id-dokumenti kollha relattivi, konsistenti fis-sentenzi moghtija mill-Onorevoli Mhallef Joseph R.Micallef, l-Onorevoli Mhallef Geoffrey Valenzia u l-Onorevoli Mhallef Joseph Azzopardi. Id-difensuri qablu li s-sentenza tal-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef marret in gudikat u l-ohrajn jinsabu pendenti l-ezitu ta’ l-appell, pero` qablu li din il-kawza tista’ timxi u tigi deciza. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-15 ta’ Gunju 2006.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-atturi datata l-5 ta’ Mejju 2006 bis-sentenzi hemm annessi, wahda deciza fit-30 ta’ Jannar 2006 minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Geoffrey Valenzia fl-ismijiet **“Joseph u Carmen konjugi Gaffarena vs Mixer Limited et.”** datata 30 ta’ Jannar 2006 (Citaz. Nru.1199/1999/2); l-ohra minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef fl-ismijiet **“Joseph Gafferena et vs Sebastian Dalli nomine et”** datata 17 ta’ Gunju 2005 (Citaz. Nru.1201/1999/1); u l-ahhar wahda moghtija mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet **“Joseph Gafferena et vs Mixer Limited et”** datata 16 ta’ April 2004 (Citaz. Numru 1199/1999).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma minn dil-Qorti kif presjeduta tal-15 ta’ Gunju 2006 fejn dehru Dr. Keith

Bonnici ghall-atturi u Dr. Gianfranco Gauci ghall-konvenuti. Dr. Gauci ta' ruhu b'notifikat bin-nota ta' osservazzjonijiet tal-atturi, u talab li jipprezenta nota t'osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u preffiggiet terminu ta' 50 gurnata lill-konvenuti biex jipprezentaw in-nota ta' osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti b'dan li Dr Bonnici jghaddi kopja tan-nota tieghu lil Dr. Gauci. Il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar il-kap tal-ispejjez ghall-10 t'Ottubru 2006.

Rat s-sentenzi kollha moghtija u dawk esebiti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija decizjoni limitata dwar il-kap ta' l-ispejjez u dan peress li permezz ta' nota datata 25 ta' April 2006 l-atturi cedew is-sorte tal-kawza fl-ismijiet premessi u zammew ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Illi dwar l-kreditu pretiz mill-atturi kontra s-socjeta' konvenuta Mixer Limited jirrizulta li dan kien gie kannonizat b'sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Gafferena et vs Mixer Limited et" deciza fis-16 ta' April 2004, li kkonfermat l-azzjoni attrici f'dik il-kawza b'sentenza moghtija fis-26 ta' April 2000 (Citaz. Numru 1199/1999 - fol. 25 ta' dan il-process).

Illi l-azzjoni odjerna saret abbazi ta' l-**artikolu 1143 tal-Kap 16,** l-azzjoni maghrufa bhala *"debitor debitoris mei est meus debitoris",* u b'hekk kif intqal gia fis-sentenza *in parte* ta' din il-Qorti diversament presjeduta, fil-kawza fl-ismijiet premessi, decizjoni datata 27 ta' Mejju 2005 (a fol. 45 tal-process), din hija bbazata fuq il-premessa li l-proprjeta' kollha tad-debitur tikkostitwixxi garanzija ghall-kreditu tal-kreditur, u fil-fatt jirrizulta bis-sentenza fuq citata wkoll li l-atturi ghandhom kreditu llum ukoll

rikonoxxut b'gudikat ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell kontra s-socjeta' Mixer Limited.

Illi dan il-kreditu kien jaghti d-dritt lis-socjeta' attrici topprocedi bl-azzjoni odjerna kontra d-debituri tas-socjeta' konvenuta Mixer Limited, li fil-mument li saret il-kawza jidher li kienet is-socjeta' Mixer Concrete Works Limited , u dan abbazi ta' kuntratt pubbliku datat 9 ta' Settembru 1998 fl-atti tan-Nutar Antoine Agius, li gie ddikjarat null fuq istanza ta' l-atturi prezenti fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Gafferena et vs Sebastian Dalli nomine" deciza fis-17 ta' Gunju 2005 (P.A. (JRM) – Citaz. Numru 1201/2005). Illi l-appell ta' l-istess mis-socjetajiet konvenuti prezenti jidher li mar dezert minhabba n-nuqqas ta' hlas ta' kawtela *da parte* ta' l-appellanti, s-socjetajiet konvenuti odjerni.

Illi minhabba l-ezitu ta' din il-kawza, u peress li l-art indikata fil-kuntratt appenna imsemmi, regghet marret ghand is-socjeta' konvenuta Mixer Limited, is-socjeta' konvenuta Mixer Concrete Works Limited ma baqghetx debitrici tas-socjeta' konvenuta Mixer Limited u ghalhekk naturalment ma kienx baqa' skop ta' din il-kawza, anke kif spjegat fis-sottomissjonijiet tal-atturi.

Illi ma hemm l-ebda dubju f'ghajnejn din il-Qorti li kif kienu l-affarijiet l-atturi kellhom id-dritt jistitwixxu din il-kawza sabiex jipprotegu d-drittijiet taghhom, almenu fl-istat li dawn kienu fil-mument li saret l-azzjoni attrici, u dan anke u minkejja li l-istess atturi kienu ghamlu l-kawza fuq citata deciza fis-17 ta' Gunju 2005 (Citaz. Numru 1201/1999) kontra l-istess socjetajiet konvenuti u dan permezz ta' citazzjoni pprezentata fil-25 ta' Mejju 1999 fejn gie attakkat l-istess kuntratt li a bazi tieghu is-socjeta' Mixer Concrete Works Limited kienet saret debitrici tas-socjeta' konvenuta Mixer Limited; din il-Qorti qed tiehu konjizzjoni ta' l-istess sentenza fejn gie deciz li l-imsemmi kuntratt bejn is-socjetajiet konvenuti gie deciz li kien *"sar b'qerq bi hsara tal-jedd tal-atturi bhala kredituri Mixer Limited u ghalhekk bi ksur ta' l-artikolu 1144 tal-Kodici Civili".*

Illi anke jekk l-azzjoni attrici tigi ezaminata fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet moghtija mis-socjetajiet konvenuti, dan li

inghad aktar ‘il fuq qed jigi kkonfermat; fil-fatt dan ma jwassalx ghal dak indikat fit-tielet eccezzjoni tas-socjetajiet konvenuti datata 8 ta’ Lulju 2004, u dan peress li l-atturi kull ma kienu qed jaghmlu kienu biss li jissalvagwardjaw id-drittijiet taghhom f’kull eventwalita’ u fil-kaz li l-*actio pauliana* ma tirnexxhix, u dan dejjem dwar kreditu li huma kellhom kontra s-socjeta’ konvenuta Mixer Limited. Fuq kollox din it-tielet eccezzjoni gia giet michuda b’sentenza ta’ din il-Qorti datata 28 ta’ Ottubru 2005.

Illi l-istess jinghad dwar it-tieni eccezzjoni tas-socjetajiet konvenuti u dan peress li l-istess kawzi hemm citati a fol. 19 tal-process bl-ebda mod ma kienu jaffettwaw id-dritt ta’ l-atturi li jipprocedu b’din l-azzjoni kontra s-socjetajiet konvenuti; dwar il-kawza “Gafferena Joseph et vs Mixer Limited et” il-kontro-talba hemm indikata giet ukoll michuda b’sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Geoffrey Valenzia datata 30 ta’ Jannar 2006 – Citaz. Numru 1199/1999 – fol. 57 tal-process. Fuq kollox din l-eccezzjoni giet ukoll michuda bl-istess sentenza ta’ din il-Qorti datata 28 ta’ Ottubru 2005.

Illi dwar ir-raba’ eccezzjoni tan-nota ta’ eccezzjonijiet datata 8 ta’ Lulju 2004 a fol. 20 tal-process din hija kompletament bla bazi u dan peress li ma hemm ebda nullita’ kif hemm eccepit; dwar il-hames eccezzjoni fl-istess fol. 20 tal-process jidher li l-azzjoni attrici saret a bazi ta’ l-**artikolu 1143 tal-Kap 16,** b’hekk li l-atturi kienu qed jezercitaw l-azzjoni li kienet tispetta lis-socjeta’ debitrici taghhom kontra s-socjeta’ debitrici ta’ din ta’ l-ahhar.

Illi s-sitt eccezzjoni indikata fl-istess nota ta’ eccezzjonijiet datata 8 ta’ Lulju 2004 a fol. 20 tal-process din hija wkoll bla ebda bazi, kif jirrizulta anke mis-sentenzi esebiti f’dawn il-proceduri u ghalhekk anke din l-eccezzjoni wkoll qed tigi michuda. B’hekk l-ispejjez ta’ din il-kawza ghandhom jigu sopportati mis-socjetajiet konvenuti.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici *stante* li l-istess atturi cedew is-sorte tal-kawza fl-ismijiet premessi permezz ta' nota ta' cessjoni datata 25 ta' April 2006 a fol. 54 tal-process, u fid-dawl tas-sentenzi f'din il-kawza fl-ismijiet premessi datati 27 ta' Mejju 2005 u 28 ta' Ottubru 2005, fejn gew michuda l-ewwel tlett eccezzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti, u fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha ta' l-istess socjetajiet konvenuti, tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti jhallsu l-kap ta' l-ispejjez.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------